**Animazzjoni tal-Quddies**

Is-Sibt 19 ta' Mejju 2018

Solennità ta' Għid il-Ħamsin – Quddiesa tal-Vġili

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità ta' Għid il-Ħamsin, l-għotja tal-Ispirtu s-Santu lill-Appostli. Id-don tal-Ispirtu jfisser kuraġġ u mħabba ta' Alla lejn il-bniedem. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 11, 1-9)

Il-Mulej għandu s-setgħa fuq il-bnedmin li jwarrbuh.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 32)

Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 22-27)

Alla jagħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħU biex nifhmu l-Kelma tiegħU.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 7, 37-39)

Min jemmen fi Kristu, jieħu l-ħajja.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew f'dan il-mument għażiż inroddu ħajr lil Alla għad-don tal-Ispirtu li hu tana.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu flimkien ma' dik tal-Ewkaristija jgħinuna sabiex inxandru l-verità salvifika ta' Kristu.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.